# Il-Festa tal-1919 u 100 sena mill-ewwel mixegħla bl-aċitilena

**Pierre Balzia**

*Ir-riċerka ħafna drabi tirrikjedi sigħat twal ta' impenn u paċenzja, li ħafna drabi ma jwasslukx għal dak li tkun qiegħed tittama li sejjer issib. Min-naħa l-oħra xejn m'hemm isbaħ milli ssib affarijiet li ma tkunx qiegħed tistenna. Madanakollu, meta x-xorti ma tidħaklekx mill-ewwel, xorta kapaċi tiltaqa' ma' ħafna tagħrif ta' interess. Hekk ġara f'dan il-każ. Pierre Balzia jiftħilna tieqa fuq il-festa ta' mitt sena ilu, u l-introduzzjoni tal-aċitilena biex idawwal il-festa tagħna.*

F'Mejju li għadda waqt ir-riċerka għall-pubblikazzjoni ta' Heritage Malta; 'Kulħadd għall-Belt', dwar l-avventimenti li wasslu għall-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919; x'ġara fl-irvellijiet u wara, il-kollega tiegħi, is-Sur George Agius, iltaqa' mal-programm għall-festa ta' San Leonardu tal-1919 u għaddihuli. Jiena mill-ewwel ħsibt li din l-informazzjoni għandni nwassalha lilkom permezz ta' dan l-artiklu.

## Il-festa tal-1919

Dan il-Programm ġie ppubblikat fil-gazzetta 'Malta Tagħna' ta'nhar is-Sibt l-ewwel ta'Novembru 1919. Kif nistgħu naraw fil-programm, fl-imgħoddi l-festa kienet imqassma fuq ħamest ijiem; 3 ijiem tat-tridu, lejljiet il-festa u nhar il-festa. Ta'min jinnota wkoll li l-festa kienet issir fil-festa liturġika jiġifieri nhar is-6 ta' Novembru. F'dik is-sena, il-priedki tat-tridu saru minn Dun Francesco Saverio Zahra mill-Ħamrun.



1 ta Novembru 1919

PROGRAMMA

Tal festa cbira li seira issir ad unur ta San Leonardo Anacoreta fil Parroccia ta Hal Chircop.

Il Hadd, it-Tnein u it-Tlieta, 2, 3, u 4 ta Novembru granet tat-tridu li fihom jipprietca Dun Francesco Saverio Zahra mill Hamrun. Fil 5 ta Novembru fit-8.30 p.m. il banda "La Stella" taz-Zurriek id-dokk programm fil piazza.

Il banda ta Hal Luka "L'Unione" id-dokk programm ihor fl'istess hin fein il Casin "San Leonardo"; u

Il banda ta Hal Luka "Sant' Andrea" id-dokk programm ihor fl' istess hin fi Strada Maggiore.

Fil 11 p.m. icun hemm giogdifogu famus.

Il Hamis 6 ta Novembru fill 5 a.m. Matutin sollenni, fid-9 a.m. Pontifical sollenni bil musica tas-Surmast Cassar, uara l'Evangeliu jitla juri il cobor ta San Leonardo, il Cappillan ta Stella Maris, Don Raffaele Capurro.

Fis-2.30 p.m. esecuzioni ta programm musicali mill famusa banda tal Birgu "Duke of Edinb rgh".

Fil 5 p.m. Processioni sollenni. Fil 5.30 p.m. luminazioni generali tal acetilena li seira tinxteghel l'euuel darba. Uara il Benedizioni Sacramentali jissocta il programm ta l'istess banda fil Piazza. G.C.

*Malta Tagħna, 1 ta' Novembru, 1919*



*Il-Banda Queen Victoria, iddoqq iż-Żurrieq fl-1926 (Ritratt Banda Queen Victoria)*

Lejliet il-festa, ġew mistiedna tliet baned. Il-Banda La Stella (illum Banda Queen Victoria) taż-Żurrieq tellgħet programm fil-

pjazza (aktarx Misraħ Kirkop). Il-Banda Unione ta' Ħal Luqa tellgħet programm ħdejn il-każin San Leonardo (viċin ħafna ta' fejn illum insibu d-dar tal-kappillan) u l-Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa wkoll, daqqet programm fi 'Strada Maggiore' (Triq il-Kbira). Dakinhar fil-11 ta' filgħaxija nħaraq xi nar tal-art. Ta' min jinnota li l-gazzetta tirreferi għan-nar bħala *"giogdifogu famus"*.



***Il-Banda Unione iddoqq Ħal Luqa c.1920***
***(Ritratt Soċjeta' Filarmonika l'Unione)***

Is-sollenità tas-6 ta' Novembru, għeluq l-1360 sena mill-mewt tal-Patrun tagħna San Leonardu, kienet bdiet kmieni mas-sebħ, propju fil-5 ta' filgħodu bit-talb tal-matutin jew kif inhi forsi iktar magħrufa, il-liturġija tas-siegħat (talb ta' filgħodu). Fid-9 ta' filgħodu ngħata bidu għall-Pontifikal solenni b'mużika tas-surmast Cassar. Dik is-sena mess lil Dun Raffaele Capurro, Kappillan tal-Parroċċa ta' Stella Maris ta' Tas-Sliema sabiex jinseġ il-paniġierku u "juri l-kobor ta' San Leonardo". Minflok il-marċ ta' filgħodu/wara nofsinhar kif isir illum, ġie esegwit programm mużikali mill-Banda tal-Birgu 'Duke of Edinburgh' (illum il-Banda Vittoriosana San Lawrenz). Fil-5 ta' filgħaxija ngħata bidu għall-purċissjoni solenni bil-vara artistika ta' San Leonardu maħduma mill-prinċep tal-kartapesta Maltija: Karlu Darmanin. Wara l-purċissjoni ngħatat il-Barka Sagramentali u tkompla l-programm tal-banda fil-pjazza.



***Duke of Edinburgh's Own Band taħt Mro Giumarra c.1920***
***(Ritratt Banda Vittoriosana San Lawrenz)***

### 100 Sena mill-ewwel luminazzjoni bl-aċitilena

L-iktar fatt interessanti f'dan il-programm jinsab proprju fit-tieni linja tal-aħħar paragrafu.



***Ġebel tal-*****Calcium Carbide**

Qiegħed nirreferi għal-luminazzjoni ġenerali bl-aċitilena. Din inxtagħlet għall-ewwel darba fis-6 ta' Novembru 1919 għall-ħabta tal-5.30 ta' filgħaxija.

Waqt l-istess riċerka nstab artiklu li jgħid li għall-festa ta' San Lawrenz f'dik is-sena kienet ġiet użata il-luċelettrika (id-dawl kif nafuh illum). F'dan il-fatt naraw kemm l-akkwati tan-naħa tal-Port il-Kbir kienu iktar avvanzati fil-mezzi teknoloġiċi ta' dak iż-żmien minn dawk l-irħula rurali bħalma kien Ħal Kirkop.



*Lampa tal-idejn li taħdem bl-aċitilena*

Dan il-fatt dwar l-aċitilena qanqalli l-kurżità sabiex nistaqsi iktar dwarha. Għal dan l-għan għamilt intervista qasira mas-Sur Leonard Agius. Nardu, kif jafu kulħadd huwa enċiklopedija ħajja dwar ir-raħal tant għażiż għalina. Nardu ma kienx għadu twieled dakinhar imma rrakuntali minn x'kien jisma' dwar din l-aċitilena.




**L-istruttura ta' lampa tal-idejn li taħdem bl-aċitilena. L-istess kunċett kien jintuża fit-tankijiet il-kbar li fihom kien jiġi prodott il-gass tal-aċitilena**

L-aċitilena kienet bħall-ġebel tal-gagazza (Calcium Carbide - $CaC_2$) li kien jinżamm ġo żewġ tankijiet tal-45 miżbugħin oranġjo fil-każin li kien hemm f'Misraħ San Leonardu. Kien ikun hemm bħal vit tal-ilma iqattar bil-mod qisu dripp fuq dan il-ġebel u meta l-ilma jaħbat mal-ġebel, dan kien jipproduċi gass ($C_2H_2$) jinten (Nardu ddeskrivih bħala riħa ta' dranaġġ). Dak il-gass kien jgħaddi għall-pajpijiet taċ-ċomb sa ma jasal sat-truf fejn kien ikun hemm *nozzle* b'toqba żgħira li minnha kien joħroġ il-gass. Sabiex wieħed 'jixgħel' ried jixgħel bin-nar (sulfarina jew gandiletta imwaħħla ma' qasba twila) kull *nozzle* b'mod manwali. Dan il-gass meta jinħaraq jarmi fjamma bajda qawwija u tiddi u b'hekk kienu jdawwlu t-toroq ta' madwar il-knisja. Dawn it-tankijiet tal-aċitilena kien jieħu ħsiebhom persuna magħruf bħala ċ-Ċanċulina.

Is-sistema tal-aċitilena, kienet ukoll tintuża wkoll fil-fieri li kienu jsiru r-raħal wara l-Gwerra. Minn din is-sistema illum ma fadal xejn għajr forsi xi pajpijiet tal-ħadid u *outlets* ma' fejn kienu jitqabbdu il-pilandri midfuna taħt l-asfalt u l-pavimentar ta' Misraħ Kirkop, direzzjoni lejn il-Knisja (fejn kien hemm il-każin l-antik).

Missirijietna dejjem ħasbu biex ikabbru l-festa ftit ftit bil-mezzi li kellhom, u dejjem raw li jimmodernizzaw pari-passu mas-sistemi li kien hemm dak iż-żmien. Iktar tard, din is-sistema tal-aċitilena nbidlet għas-sistema tal-elettriku mqabbda ma' ġeneratur. Wara l-Gwerra, lejn l-aħħar tas-snin 40 kien imiss il-wasla tad-dawl f'raħalna fejn sintendi l-istess sistema għadha tiġi użata sal-lum il-ġurnata.



*Safe tal-bidu tas-seklu 20 li safa protagonist fl-irvellijiet tas-Sette Giugno, illum f'Ħal Kirkop (Ritratt Daniel Cilia)*